MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-3 ta' April, 2013

Numru. 135/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Joseph Camilleri**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Camilleri, iben Mariano u Felicity nee' Grixti, imwieled Pieta` nhar il-21 t' Ottubru 1979 u residenti gewwa 6, Triq it-Torri, Zurrieq u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 509579M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-1 ta' Mejju 2011:

Kellu fil-pussess tieghu d-droga Kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi

Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u l-fedina penali tieghu li hija netta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokument DT, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------